MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 422/2005/1

**Anthony Galea**

**vs**

**Alice Agius**

**Il-Qorti,**

Fl-14 ta' April, 2010, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti:-
>
> Rat l-avvizipprezentat mill-attur fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju 2005 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallsu u tirrifondi lura is-somma ta' elfejn, mija u hamsa u hamsin lira Maltija (Lm2155) rapprezentanti bilanc minn somma akbar lilha somministrata b'titolu ta' self brevi manu.

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-Ittra Ufficcjali tat-tlettax (13) ta’ Gunju 2005, u bl-imghax legali mid-data tas-self sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Alice Agiusipprezentata fit-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Settembru 2005 fejn eccepiet is-segwenti:

*“1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-attur qatt ma sellef is-somma pretiza lill-konvenuta kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”*

Rat illi fis-seduta ta’ nhar it-tmienja (8) ta’ Frar, 2006 xehed **l-attur Anthony Galea** (fol. 9) minn jeddu fejn qal li hu u l-konvenuta kienu saru hbieb ftit taz-zmien qabel u din kienet talbitu jassistiha biex issib dar fejn setghet tmur tghix peress li kienet ser titlaq minn fejn kienet qeghda toqghod, u li kienet qaltlu li hi kellha is-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf lira Maltin (Lm25,000) .

Kompla jghid li wara li kienu raw diversi postijiet, lill-konvenuta kien ghogobha flat. Zied jghid li mbaghad meta l-konvenuta waslet biex taghmel il-kuntratt dwar dan il-post hu kien silifha is-somma ta’ erbat elef mija u hamsa u hamsin lira Maltin (Lm4,155), u peress li din kienet stqarret mieghu li ma setghetx troddhomlu lura malajr, hu kien qalilha li seghet thallsu lura meta tkun komda.

Spjega li l-ammont ta’ erbat elef, mija u hamsa u hamsin lira (Lm4155) kien maqsum fuq zewg cekkijiet it-tnejn li huma datati sbatax (17) t’April 2002, li hu kien ikkonsenja lill-konvenuta, u cioe’ cekk ghall-ammont ta’ elfejn, seba’ mija u hamsa u hamsin lira (Lm2,755) mahrug f’isem Oliver Ruggier li kien il-persuna li bieghhilha l-flat, u cekk

iehor ta’ elf u erba’ mitt lira (Lm1,400) f’isem in-Nutar Pierre Falzon biex jithallsu l-ispejjez tal-pubblikazzjoni u l-bolla fuq it-trasferiment. Esebixxa kopja ta’ dawn ic-cekkijiet, li giet immarkata bhala Dok. AG1.

L-attur qal li l-post li kienet ser tixtri l-konvenuta kien lest minn kollox. Il-kuntratt tax-xiri sar fis-sbatax (17) t’April 2002 u cioe’ dakinhar li hu kien hargilha c-cekkijiet. Kompla jghid li hu kien mar jghix mal-konvenuta f’dan il-flat, fejn dam joqghod maghha ghal madwar sentejn. Qal ukoll li matul dawn is-sentejn, huwa ghamel bosta xoghlijiet f’dan il-post, fosthom xoghol fis-sistemi tal-elettriku, tibjid, xi xkaffar u affarijiet ohra biex hi setghet tghix ahjar. Huwa ddeskriva dawn ix-xoghlijiet bhala benefikati fil-flat tal-konvenuta. Qal li ta’ dan kollu hu qatt ma thallas xejn, izda zied jghid li hu lanqas qatt ma ppretenda li jithallas taghhom.

Zied jghid li sakemm dam jghix fil-post mal-konvenuta, huwa kien itiha erbghin lira fil-gimgha (Lm40) ghall-bzonnijiet taghha u li barra minn hekk kienu johorgu hames liri (Lm5) fil-gimgha kull wiehed li kienu jwarrbu ghall-kontijiet. Qal ukoll li l-konvenuta kienet offriet li tmur tnaddaf ghand it-tfal tieghu, pero’ dan l-arrangament ma hadimx, u kull ma marret kien xi darbtejn biss. Stqarr li sakemm damu joqoghdu flimkien, huma kienu jghixu bhala koppja.

Xehed ukoll li kull meta kienu jargumentaw hu kien isemmilha l-erbat elef, mija u hamsa u hamsin lira maltin (Lm4155) li kellha ttih, u kompla jghid li darba minnhom, meta kellhom xi jghidu, fis-sahna tal-argument il-konvenuta kienet qabdet u marret issellfet elfejn lira maltin (Lm2000) mill-HSBC u tathomlu. Dan il-hlas kien sar permezz ta’ cekk mahrug mill-HSBC stess, dirett f’ismu.

Kompla billi qal li sussegwentement kien kitbilha permezz ta' l-avukat tieghu biex jitlobha thallsu l-bilanc li kien fadal, fejn hi wegbitu li ma kellhiex mezzi minn fejn ittihomlu, u ghalhekk hu kkoncedielha terminu ghal hlas, pero' ghal din il-proposta ma rcieva l-ebda twegiba. Wara xi zmien, qal, ircieva ittra 'bla pregudizzju' minghand l-avukat tal-konvenuta, fejn dan gharrfu li din kienet qed tippretendi li ma thallssux il-bilanc dovut lilu, u li dan il-bilanc kellu jikkompensa taz-zmien kemm hu dam jghix maghha.

Mistoqsi in kontro-ezami jekk jafx fuq min kien jidher il-post mixtri, l-attur wiegeb li dan il-post gie rregistrat bhala mixtri mill-genituri tal-konvenuta. Dan sar peress li l-konvenuta kienet ghadha mhix separata minn ma' zewgha.

Fuq suggeriment tal-avukat difensur tal-konvenuta li l-venditur tal-post ma kienx Oliver Ruggier, izda l-kumpanija Salvi Holdings, l-attur stqarr li kien jaf li kien hemm xi kumpanija involuta u Oliver Ruggier kien il-persuna li kien imexxi din il-kumpanija.

Insista li l-flus li hareg, hu kien tahom lill-konvenuta. Spjega li hu kien ikun prezenti ghat-trattativi li saru qabel ma gie ffirmat il-kuntratt definittiv, u li kien in-Nutar li kien issuggerielu li c-cekkijiet jaghmilhom direttament fuq isem in-Nutar stess u fuq isem Oliver Ruggier. Hu kien ikkonsenja dawn ic-cekkijiet fil-presenza tal-konvenuta.

Cahad li hu kien ghadda dawn il-flus lill-konvenuta bhala rigal jew bhala kumpens talli kien se jmur jghix maghha, anzi kompla jghid li kieku kien tahomlha bhala rigal, zgur ma kienx ser jitlobhomlha lura. Cahad ukoll li qatt semma li dawn kienu rigal quddiem xi membri tal-familja taghha.

Mistoqsi jekk jiftakarx li meta l-konvenuta kienet tatu l-elfejn lira maltin (Lm2000), din kienet qaltlu li qed ittihomlu biex johrog mid-dar taghha, huwa qal li ma jiftakarx. Lanqas ma jiftakar li hu kien qal xi diskors fis-sens li l-flus li kien baqa' ma riedhomx. Ikkonkluda billi qal li qatt ma kien sar ftehim ta' kera bejnu u bejn il-konvenuta, u li hu kien jghaddilha erbghin lira maltin (Lm40) fil-gimgha talli kien jghix hemm u kienu jghaddu bihom.

Rat illi fis-seduta tal-ghoxrin ta' April 2006 xehdet **Audrey Ghigo** (fol. 13) fejn qalet li hi kienet qeghda tirrapprezenta lil-Legal Office tal-HSBC. Qalet li hija kienet giet imharrka biex tirrintracca u tixhed dwar bank draft mahrug mill-bank fuq struzzjonijiet tal-konvenuta Alice Agius favur l-attur. Pero' peress li ma kinitx inghatat lilha l-informazzjoni necessarja biex setghet taghmel ricerka ezawrijenti, talbet li tixhed fi stadju ulterjuri.

Rat illi fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Novembru 2006 regghet xehdet **Audrey Ghigo** (fol. 26) li giet esentata mis-sigriet bankjarju, fejn qalet li l-bank draft li dwaru kellha taghmel ricerka kienet iffirmat ghalih il-persuna bil-karta tal-identita' li ggib in-numru 206583M, u li ghalhekk il-fondi huma provenjenti minn min kien ordna dan il-bank draft favur min gie kkonsenjat. Kompliet tghid li din kienet l-unika nformazzjoni li kellu l-bank. Esebiet kopja tal-formola li mtliet biex seta' nhareg il-bank draft u li fuqha tidher il-firma tal-persuna li ordnatu. Din tinsab immarkata bhala Dok. AG 1. Spjegat li l-fondi kienu provenjenti minn kont bankarju u li mir-records li kellu l-bank kien jirrizulta li biex inhareg dan il-bank draft gie addebitat kont bankarju li kien f'isem Mr. Charles Ferriggi. Dan huwa l-istess persuna li ordna li jinhareg ic-cekk u n-numru tal-karta tal-identita' li tidher fuq id-dokument esebit minnha huwa tieghu.

Rat illi fis-seduta tas-sitta (6) ta’ Gunju 2007, xehdet il-konvenuta **Alice Agius**, in subizzjoni (fol. 39) fejn qalet li huwa minnu li hija kellha relazzjoni mal-attur, pero’ spjegat li hi kienet tghix fid-dar taghha fir-Rabat filwaqt li l-attur kien jghid fid-dar tieghu.

Qalet li dak iz-zmien hija kienet ghaddejja minn proceduri ta’ separazzjoni minn ma’ zewgha. Qalet ukoll li fl-ahhar tas-separazzjoni, bil-flus li dahhlet mill-bejgh tad-dar matrimonjali, xtrat il-fond bl-indirizz Flat 2, Ponsietta Flats, Triq il-Qannic, Birkirkara, fejn toqghod prezentement. Dan il-post kienet xtratu minghand Oliver Ruggier u n-Nutar li ha hsieb il-kuntratt kien Pierre Falzon.

Il-konvenuta cahdet li ssellfet xi flus minghand l-attur, anzi qalet li hi hallset il-post minn butha stess. Stqarret li hi ghamlet il-kuntratt f’isem il-genituri taghha u sussegwentement, meta hadet is-separazzjoni dawritu ghal fuq isimha.

Ikkonfermat li l-attur verament kien hareg xi flus dakinhar tal-kuntratt, pero’ dan ghamlu minn jeddu. Qalet li l-attur kien hareg xi tlett elef lira maltin (Lm3000).

Meta l-avukat difensur tal-attur issuggerielha li l-klijent tieghu kien hareg l-ammont ta’ erbat elef mija u hamsa u hamsin lira maltin (Lm4155), hija ma qablitx mieghu. Kompliet tghid li dakinhar tal-kuntratt, l-attur kien ghamel kuntratt iehor dwar xi garaxx. Stqarret li dakinhar, in-Nutar Falzon veru kien ircieva is-somma ta’ erbat elef, mija u hamsa u hamsin lira maltin (Lm4155), pero’ cahdet li l-attur lilha kien ghaddhielha xi flus dakinhar. Anzi qalet li effettivament dakinhar Anthony Galea kien ghamel xi pagament lil Ruggier fuq il-garaxxa li kien xtara hu.

Imbaghad ghaddiet biex tghid li r-relazzjoni taghha mal-attur kienet wahda “dejjem bil-glied”. Qalet li

sahansitra darba dan kien refa' jdejh fuq bintha, pero' hija ma kinitx ghamlitlu rapport dwar dan. Kompliet tispjega li l-attur dejjem kien jghajjarha fuq kwistjonijiet ta' flus u ghalhekk hi tatu s-somma ta' elfejn lira maltin (Lm2000). Spjegat ukoll li hi u bintha tant kienu mdejqin li l-attur dejjem kien jghajjarha li kellha ttih il-flus, li bintha marret titlob il-flus lil missierha biex hi setghet ittihom lill-attur. Qalet li mbaghad qabel ma telaq kien qalilha quddiem bintha li l-flus ma riedhomx u li fil-fatt lanqas dawk il-flus li kienet tatu ma ried peress li hi kienet diga' ghamlet hafna mieghu. Pero' hi kienet qaltlu biex ic-cekk jiehdu. Insistiet pero' li hi qatt ma ssellfet xejn minghand l-attur, u li kien taha kien tahulha minn jeddu.

Qalet li hi damet tghix go darha mal-attur ghal sena. Qalet li huwa minnu li l-attur kien ghamel xi xoghlijiet fid-dar, bhal tibjid u xi xoghol fid-dawl u l-ilma, pero' min-naha l-ohra hi kuljum kienet issajjarlu minn butha. Kompliet tghid li hu kien taha dawn il-flus ghaliex hi kienet se ddur bih u b'uliedu, izda hi qatt ma talbitu flus. Bdiet iddur bih minn mindu mar jghix maghha.

Imbaghad xehdet li qabel xtrat l-appartament hi ma kinitx tghix mal-attur, pero' xorta wahda kienet titimghu kuljum u tmur tnaddafflu. Cahdet li l-attur kien itiha xi flus jew kien ihallas il-kontijiet tad-dawl. Taha biss il-flus meta ghamlet il-kuntratt, li kien jghajjarha bihom, u ghamel xi xoghlijiet fid-dar, pero' l-affarijiet tal-hajja kienet tixtrihom hi u l-kontijiet kienet thallashom hi. Qalet li hi kienet tghix bir-relief u b'dak li jtuha r-ragel u l-genituri taghha.

Rat li fis-seduta tal-ghoxrin (20) ta' Novembru 2007, xehed **in-Nutar Pierre Falzon** (fol. 45) fejn esebixxa kopja ufficjali tal-kuntratt ta' bejgh ta' appartament gewwa Birkirkara redatt minnu nhar is-sbatax (17) t'April, 2002 bejn Salvi Holdings Limited bhala venditur u l-konjugi Giovanna u

Vincent Agius bhala kompraturi. Dan gie mmarkat mill-Qorti bhala Dok CSH.

Mistoqsi jekk jafx lill-konvenuta, wiegeb li ghandu idea taghha pero' lill-attur ma jidhirlux li jafu. Mistoqsi wkoll jekk kienx sar xi konvenju qabel dan il-kuntratt, qal li probabilment iva, izda peress li dan il-kuntratt kien ilu ftit li sar, dak iz-zmien ma kienx izomm kopja tal-konvenju.

Meta gie mistoqsi kif kien sar l-ghadd tal-bolol fuq dan il-bejgh, irrisponda li ma jiftakarx u lanqas ma jiftakar li kien effettivament thallas hu. Ikkonferma li l-kuntratt in kwistjoni kien sar fis-sbatax (17) t'April 2002.

Rat illi fis-seduta tal-ghoxrin (20) ta' Novembru 2007 xehed **Oliver Ruggier** (fol. 47) fejn qal li ghal xi zmien hu kellu fil-pussess tieghu block ta' flats gewwa Triq Qannic gewwa Birkirkara, f'isem wahda mill-kumpaniji tieghu. Qal li effettivament din il-blokka flats kien hadha bhala barter exchange, u kien fuq konvenju mas-socjeta' Salvi Holdings Limited.

Mistoqsi jekk jafx lill-konvenuta, huwa wiegeb li jafha, pero' lill-attur ma jafux. Imbaghad spjega li dawn il-flats fi Triq Qannic, kienu ghall-bejgh u li kien hemm agent li kien ressaq lill-konvenuta, u hu ghamel konvenju maghha. Pero' meta gie mistoqsi jekk ghandux kopja ta' dan il-konvenju, qal li ma jahsibx li ghandu. Meta gie mistoqsi mill-Qorti jekk jistax ikun li l-konvenju sar mal-genituri tal-konvenuta, qal li ma jafx, pero' offra li jara jekk isibx kopja tal-konvenju. Qal li huwa jahdem bin-Nutar Pierre Falzon.

Mistoqsi wkoll jekk l-attur kien ghamillu xi pagamenti in konnessjoni ma' dan in-negozju, wiegeb li lanqas biss ghandu idea ta' dan. Meta gie muri d-dokument a fol. 12 tal-atti, qal li dan huwa cekk mahrug f'ismu minn Anthony Galea

ghall-ammont ta' elfejn seba' mija u hamsa u hamsin lira maltin (Lm2755), u li dan ic-cekk kien endorsjat minnu. Qal li dan ic-cekk seta' kien xi deposit jew xi pagament finali fuq xi proprjeta' mibjugha minnu. Pero' ma jahsibx li qatt kien ghamel xi negozju mal-attur.

Ipprometta li kien se jaghmel ricerka biex jara jsibx il-konvenju fuq il-flat numru 2, Ponsietta Flats, Qannic Street, Birkirkara, kif ukoll dwar bejgh ta' garaxx lil Pierre Gaffiero fl-istess blokka, liema garaxx imbaghad gie akkwistat mill-attur. Ikkonferma li lil Alice Agius kien ressaqha ghandu agent.

Rat illi fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar 2008 rega' xehed **in-Nutar Pierre Falzon** (fol. 57) fejn esebixxa kuntratt datat sitta w ghoxrin (26) ta' Jannar 2004 bejn Alice Agius u l-genituri taghha Giovanna u Vincent Agius. Spjega li dan huwa kuntratt ta' donazzjoni tal-Flat numru 2, "Ponsietta", Triq il-Qannic, Birkirkara. Dan gie mmarkat bhala Dok. PF.

Meta gie mistoqsi jekk hux minnu li fl-istess gurnata, cioe' fis-sitta w ghoxrin (26) ta' Jannar 2004, kien sar xi kuntratt bejn Anthony Galea u Salvi Holdings Limited, qal li jista' jkun pero' ma kienx cert. Gie muri kuntratt, li mbaghad gie esebit u mmarkat bhala Dok. PS1, u kkonferma li fil-fatt dan huwa kuntratt li sar ghandu bejn Antoine Galea u Salvi Holdings Limited, rigward garaxx bin-numru 13, Triq il-Qannic, Birkirkara, li kien jifforma parti mill-istess zvilupp tal-flat li gie donat lil Alice Agius. Kompla jghid li skond dan il-kuntratt kien jidher li l-prezz tal-garaxx kien erbat elef lira maltin (Lm4000), liema ammont kellu jithallas fi zmien hames snin bl-interessi ta' tmienja fil-mija (8%). Qal ukoll li fil-kuntratt ma kien thallas xejn u li kienu riservati xi privileggi specjali, pero' ma kienx cert jekk dan sarx jew le. Esebixxa kuntratt iehor li sar ghandu, rigward kancellament

ta’ registrazzjoni ta’ privilegg. Dan il-kuntratt igib id-data tas-sittax (16) ta’ Mejju 2006 u gie mmarkat bhala Dok. PS2.

Rat illi fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Jannar 2008 rega’ xehed **Oliver Ruggier** (fol. 68) fejn qal li wara li ghamel tfittxija fil-files tieghu, in segwitu tas-seduta tal-hdax (11) t’Ottubru 2007, sab li effettivament kien sar att ta’ konvenju bejnu u l-genituri tal-konvenuta Alice Agius rigward bejgh ta’ Flat numru 2, Ponsietta, fi Triq il-Qannic, Birkirkara. Spjega li effettivament dan il-kuntratt ma sarx minnu personali izda mill-kumpanija tieghu, cioe’ Salvi Holdings. Esebixxa kopja ta’ dan il-konvenju, li giet immarkata bhala Dok. PS 3. Zied jghid li f’dan l-istess zvilupp huwa kellu wkoll xi garaxxijiet.

Meta gie muri kuntratt tas-sbatax (17) t’April 2002 bejn Salvi Holdings Limited u Antoine Galea dwar bejgh ta’ garaxx fi Triq il-Qannic, ikkonferma li effettivament dan il-bejgh kien sar.

Mistoqsi jekk jafx lil Lino Zammit bhala manager ta’ Salvi Holdings Limited, huwa ikkonferma li jafu. Gie mistoqsi wkoll jekk huwa ghamilx tfittxija ghal xi konvenju bejn Anthony Galea u Salvi Holdings Limited nhar it-tnejn (2) ta’ Novembru 2001, cioe’ l-istess gurnata li sar il-konvenju fuq il-flat, dwar bejgh ta’ garaxx, pero’ x-xhud wiegeb li ma jiftakar xejn dwar dan il-bejgh.

Rat li fis-seduta ta’ nhar l-erbgha (4) ta’ Marzu 2008, xehed **Lino Zammit** (fol. 95) fejn qal li fl-ingunzjoni li gabar hu stess mill-posta, ma kienx hemm indikat dwar xiex kellu jixhed u meta staqsa lill-imghallem tieghu Benjamin Camilleri jekk kellux idea, dan lanqas ma kien jaf.

Ix-xhud qal li huwa jokkupa l-kariga ta’ Manager ta’ Salvi Holdings Limited. Meta gie mur d-dokument li jinsab a fol. 74 tal-process, ikkonferma li l-firma li

hemm fuq dan id-dokument hija tieghu. Ikkonferma wkoll il-kontenut tad-dokument. Ghadda biex jispjega li l-attur Anthony Galea kien xtara garaxx minghand is-socjeta’ minnu rapprezentata, u li kien ihallas permezz ta’ pagamenti mensili.  Ta’ kull pagament li kien jircievi, ix-xhud kien jibghat ricevuta lill-attur.  Meta l-ammont kien thallas kollu, ix-xhud kien kiteb l-ittra a fol. 74 fejn informa lill-attur li l-hlas tal-garaxx u tal-interessi kien sar kollu, u li allura kellu jkellem Nutar biex isir kuntratt ghall-kancellazzjoni ta’ l-ipoteka li kien hemm.

Gie muri d-dokument a fol. 79 tal-process u spjega li din hija lista tal-pagamenti li l-attur kien jaghmel.  Ikkonferma li hu kien jiffirma kull meta kien jircievi pagament, u li l-firem kollha fuq dan id-dokument huma tieghu.  Filwaqt li rega’ kkonferma li l-prezz tal-garaxx thallas bin-nifs, qal li l-ahhar pagament kien ta’ sitta u tmenin lira maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm86.72).

Meta mistoqsi in kontro-ezami dwar l-indirizz tal-garaxx in kwistjoni, ix-xhud wiegeb li l-garaxx igib in-numru 13, u jinsab go Triq il-Qannic.  Spjega li hemmhekk hemm tliet blokok u li l-garaxxijiet jinsabu tahthom.  Il-garaxx jesa’ vettura wahda.

Rat l-Affidavit tal-konvenuta **Alice Agius** (fol. 105) ipprezentat fl-Awla waqt is-seduta tas-sitta (6) t’Ottubru 2008 fejn qalet li mal-attur hija kellha relazzjoni li damet sentejn. Dak iz-zmien hija kienet separata minn ma’ zewgha *de facto* u mhux legalment u peress li kellha bzonn issib post fejn tmur tghix, il-genituri taghha ghenuha billi xtrat post fuq isimhom, liema post gie trasferit fuqha meta sseparat legalment.  Dan il-post huwa Flat 2, Ponsietta, Triq il-Qarnic, Birkirkara u l-konvenuta ghadha tghix fih sallum.

Hija qalet li meta ghamlet l-att tal-konvenju ghal dan il-fond, hija diga’ kienet f’relazzjoni mal-attur

izda ma kienux jghixu flimkien. Il-konvenuta qalet ukoll li l-flus ghall-konvenju hargithom kollha hi bla ebda intervent min-naha tal-attur. Tiftakar li dakinhar kienet hallset elfejn lira maltin (Lm2000) u li dawn il-flus kienu gew mill-konvenju tal-bejgh tad-dar matrimonjali.

Meta sar il-kuntratt ghand in-Nutar Pierre Falzon, il-konvenuta tiftakar li prezenti kien hemm hi, ommha u missierha u l-attur flimkien mal-venditur. Spjegat li l-genituri taghha xtraw l-appartament fi Triq il-Qannic bi flus li kienet tathom hi. Qalet li dakinhar stess, u minghand l-istess venditur, cioe' Salvi Holdings, l-attur xtara garaxx u poggih f'isem ibnu Antoine Galea.

Kompliet tghid li meta kienu waslu biex ihallsu, l-attur kien qal quddiem kull min kien prezenti li peress li kien sejjer joqghod maghha f'dan il-post, ried jaghti kontribut u ghalhekk offra li jhallas l-ispejjez kollha relattivi mal-kuntratt tal-akkwist u cioe' l-ispejjez tan-Nutar u tat-taxxi nkorsi. Qalet ukoll li l-attur kien jghid li dakinhar kien hallas tlett elef u hames mitt lira maltin (Lm3500), imma dan qatt ma kkonfermah b'xi ricevuti. Hija qalet li ghall-ewwel meta offra din is-somma bhala hlas talli kien sejjer jghix maghha hi rrifjutat, izda mbaghad tant insista u fil-fatt hallas hu. Il-konvenuta cahdet li hi qatt talbet xi flus lill-attur b'self jew b'xi titolu iehor, anzi qalet li hi ma kellhiex bzonnu u l-flus harighom minn jeddu ghax fil-fatt hu kellu bzonnha.

Cahdet ukoll li sakemm dam jghix maghha taha xi flus bhala manteniment jew hlas iehor talli kienet tiehu hsiebu, jew talli kienet titla' r-Rabat kuljum biex issajjar ghal uliedu li kellhom tletin (30) u sitta u ghoxrin (26) sena. Insistiet li hi kienet tghix bl-ghajnuna socjali u bl-ghajnuna tal-genituri taghha ghaliex l-attur ma kienx johrog sold.

Il-konvenuta mbaghad kompliet tghid li wara li kienu ilhom xi sena jghixu flimkien waqfu minhabba li dejjem kienu jiggieldu u peress li skond hi l-attur lil bintha Francesca Ferriggi ma kienx jahmilha u fid-dar ma kien ihalliha taghmel xejn. Allegat li meta kienu jargumentaw kien jheddidha li biex jitlaq mid-dar kellha ttih il-flus li kien hareg. Hi kienet twiegbu li dawn il-flus kien harighom minn jeddu bla ma hadd talabhomlu, bhala pagament talli kienet ser iddur bih u b'uliedu.

Qalet li bintha kienet tmur tibki ghand missierha u tghidlu li ma setghux jehilsu mill-attur peress li dan ma riedx jitlaq mid-dar qabel ma jithallas. Ghalhekk, kompliet tghid, zewgha kien thassar lit-tifla u sellifhom is-somma ta' elfejn lira maltin (Lm2000). Qalet ukoll li Charles Ferriggi, cioe' zewgha, kien mar ghandha b'*bank draft* fis-somma ta' elfejn lira maltin (Lm2000) u ghaddieh lit-tifla. Sussegwentement din ghaddietu lil ommha li mbaghad tatu lill-attur meta gie lura mix-xoghol u qaltlu li issa seta' jitlaq 'il barra. Qalet li dan beda jiggieled maghha u jwahhal fit-tifla ghal li gara, hareg mill-kamra, gera girja fil-flat kollu wara t-tifla u taha daqqa ta' ponn.

Kompliet tinsisti li l-attur qatt ma basar li kienet ser ittih il-flus u allura kien isemmihomlha biex jaqtaghlha qalbha u mhux ghax tassew riedhom. Qalet ukoll li meta rat x'kienet ir-reazzjoni tal-attur meta tatu l-flus, iktar u iktar ma riditux jibqa' go darha. Il-konvenuta ziedet li meta fil-fatt gie biex jitlaq minn hemm, l-attur kien qalilha li l-flus kien se johodhom u li minn ghandha ma ried xejn izjed, u dan qalu quddiem bintha Francesca Ferriggi. Spjegat li l-attur ghall-bidu ma kienx riedhom il-flus, pero' mbaghad kien mar jiddepositahom dak il-hin stess, u dan tafu ghaliex hi stess marret mieghu biex jaghmel hekk. Il-konvenuta qalet li ghal zmien twil wara li telaq, l-attur baqa' jipprova jerga' jirranga maghha, u anke gieli hargu flimkien

bhala hbieb. Pero’ mbaghad minn meta kellu siehba gdida beda l-proceduri biex ifittex ghal dawn il-flus.

Rat l-Affidavit ta’ **Francesca Ferriggi** (fol. 107) ipprezentat fl-Awla waqt is-seduta tas-sitta ta’ Ottubru 2008 fejn qalet li ommha kellha relazzjoni mal-attur u li dan kien ghamel xi sena jghix maghhom fil-flat. Qalet li hija u l-attur xejn ma kienu jmorru tajjeb flimkien, peress li l-attur ma kien ihalliha taghmel xejn, lanqas tara television, filwaqt li ommha kienet kuljum tmur issajjar ghal uliedu. Tiftakar li l-attur kien jghid lil ommha li biex jitlaq minn maghhom kellha thallsu u li kien isemmi s-somma ta’ elfejn Lira Maltin (Lm2000). Kompliet tghid li tant kienet imdejqa f’din is-sitwazzjoni li darba kienet marret tibki ghand missierha u talbitu dawn il-flus u fil-fatt missierha kien mar id-dar taghhom u lilha taha bank draft f’dan l-ammont, li mbaghad hija kienet ghaddiet lil ommha biex thallas lill-attur.

Qalet li fil-fatt ommha kienet tat il-bank draft lill-attur dakinhar stess filghaxija u riditu jitlaq ‘il barra. Dan kien ghamel xenata shiha, beda jghajjat ma’ ommha u lilha kien sahansitra taha daqqa ta’ ponn fuq spallitha. L-attur kien jaghti tort lilha ghal dak kollu li gara u dakinhar kien gera warajha biex ikompli jsawwatha, imma hi zgiccatlu.

Ix-xhud kompliet tghid, li ghall-bidu l-attur ma kienx riedhom il-flus, u fil-fatt qal li lanqas kien basar li kienu se jhallsuh. Hija qalet ukoll li l-attur kien jaf li huma ma kellhomx flus u ghaldaqstant kien jitlobhom il-flus biex jitlaq ghax kien jaf li ma kellhomx minn fejn ituhomlu, u mhux ghax tassew riedhom. Fil-fatt kien qalilhom li l-flus li kien hallas fil-bidu, kien harighom minn jeddu. Spjegat li hija lill-attur qatt ma ratu jaghti xi flus lil ommha ghall-hajja, u li ommha kienet tghix mis-Sigurta’ Socjali u minn dak li kienet tghaddilha n-nanna, filwaqt li

ghaliha kienet tircievi l-manteniment minghand missierha.

Ziedet li fl-ahhar l-attur il-flus kien hadhom u lil ommha kien qalilha, fil-presenza taghha stess, li dawn il-flus kien se johodhom izda ma ried xejn izjed minghandha. Wara li telaq, ommha u l-attur xorta kienu baqghu hbieb izda mbaghad kellu siehba ohra u beda jfittex ghal flus.

Rat l-Affidavit ta’ **Giovanna Agius** (fol. 108) ipprezentat fl-Awla waqt is-seduta tas-sitta (6) t’Ottubru 2008 fejn qalet li hija tigi omm il-konvenuta. Ix-xhud qalet li xi sitt snin qabel kienet marret ghand in-Nutar Pierre Falzon biex bintha tixtri flat u li dan il-flat kien se jidher f’isimha u f’isem zewgha Vincent Agius, peress li dak iz-zmien bitha kienet ghadha mhix separata. Qalet li l-flus ghall-akkwist ta’ dan il-flat kienet hargithom kollha bintha. Ziedet li l-attur dakinhar kien prezenti wkoll biex jixtri xi proprjeta’ minghand l-istess venditur li kienet ser tixtri minghandu t-tifla taghha. Qalet ukoll li l-attur stess kien offra li jhallas l-ispejjez relattivi tal-kuntratt ta’ bintha u li fil-fatt kien hallas permezz ta’ cekk. Ftakret li kien qal lil bintha li dan il-pagament kien qieghed jaghmlu minn jeddu talli kien se jmur jghix maghha, bhala l-kontribuzzjoni tieghu. Ghall-bidu bintha ma riditx dawn il-flus, pero’ l-attur baqa’ jinsisti. Cahdet li l-attur dakinhar sellef xi flus lil bintha u dan peress li ghal dan l-akkwist bintha ma kellhiex bzonn ta’ flus.

Rat illi fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Novembru 2008 xehed **Charles Ferriggi** (fol. 110) fejn qal li l-konvenuta kienet il-mara tieghu, pero’ fil-prezent huma separati. Qal li kien hemm perjodu meta bintu kienet tmur ghandu tibki li ma kinitx kuntenta d-dar ma’ ommha Alice Agius, peress li Anthony Galea kien izommilha hafna. Qal ukoll li din kienet qaltlu li kienet imdejqa u msawta, u sahansitra kienet talbitu xi flus ghal

ommha biex din tkun tista' thallas lil Anthony Galea.

Zied li kull ma jaf li kien hemm xi kwistjoni fuq proprjeta' u li Alice Agius kellha thallas lil Anthony Galea. Ghalhekk huwa ghadda elfejn lira maltin (Lm2000) ghal dan l-iskop lil Alice Agius fil-presenza ta' binthom Francesca. Spjega li huwa kien ghamel *bank draft* intestat direttament f'isem Anthony Galea, u kkonferma li dan issarraf.

Cahad li kien involut fix-xiri ta' din il-proprjeta' gewwa Birkirkara, anzi insista li ma kellu x'jaqsam xejn, tant li lanqas biss kien jaf bl-akkwist. Huwa qal li lill-attur qatt ma kellmu, izda li meta bintu talbitu l-flus huwa kien mar ikellem lill-konvenuta u meta din spjegatlu ghal xiex kellha bzonnhom huwa qabad u sellifhomlha. Spjega li Alice Agius kienet qaltlu li l-flus ridithom biex thallas lil Anthony Galea.

Rat illi fis-seduta ta' nhar is-sitta (6) ta' Mejju 2009 xehdet **Alice Agius in kontro-ezami** (a fol. 117) fejn qalet li hija kellha certu *time limit* biex issib post fejn tmur tghix u dan peress li d-dar matrimonjali fejn kienet tghix kienet inbieghet u kellha zmien sitt xhur biex tohrog minnha. Qalet li qabel ma xtrat il-post in kwistjoni kienet interessata f'post iehor, li pero' ma xtratux ghalkemm kien jiswa' ghoxrin elf lira maltin (Lm20,000) gebel u saqaf. Is-sid ta' dan il-post beda jikkalkulalha kemm kellha bzonn biex tlestih, pero' cahdet li Anthony Galea kien qalilha li b'hamest elef lira maltin (Lm5000) dan kien ikun komplut.

Sussegwentement kienet xtrat dan il-post ghall-prezz ta' tmienja u ghoxrin elf u hames mitt lira maltin (Lm28,500). Qalet li Anthony Galea kien taha flus biex thallas id-drittijiet tan-Nutar filwaqt li missierha, li dakinhar tal-kuntratt ma kienx prezenti, kien hallsilha l-bolol. Spjegat li dakinhar

tal-kuntratt missierha ma kienx deher, izda kienet dehret biss ommha, u minn dan kienet certa. Insistiet li Anthony Galea qatt ma kien sellifha flus, izda kien taha is-somma ta’ tlett elef lira maltin (Lm3000). Sa dak iz-zmien, kompliet, huma ma kinux jghixu flimkien, izda l-attur kien taha dawk il-flus biex eventwalment imur jghix maghha u hi tibda tiehu hsiebu. Dak iz-zmien kienu diga’ johorgu flimkien, u kwazi jghixu flimkien.

Meta gie suggerit lilha li l-attur sellifha erbat elef mija u hamsin lira maltin (Lm4150), hija cahdet u qalet li dan mhux minnu. Meta giet mistoqsija, ghaliex meta kienet irceviet ittra minghand il-konsulent legali ta’ l-attur, hija kienet wiegbet li ma kellha taghtih xejn ghaliex hija kienet tatu servigi, hija qalet li effettivament l-attur lilha qatt ma sellifha flus, imma li dak li taha kien tahulha minn jeddu. Filwaqt li cahdet li hija sal-lum ghandha taghti lill-attur is-somma ta’ elfejn mija u hamsa u hamsin lira maltin (Lm2155) lill-attur, regghet ikkonfermat li l-attur kien taha tlett elef lira maltin (Lm3000). Mistoqsija ghaliex fl-affidavit kienet qalet li s-somma kienet ta’ tlett elef u hames mitt lira maltin (Lm3500), hija wiegbet li llum ma tafx bl-ezatt imma bejn wiehed u iehor, izda mbaghad ikkonfermat li effettivament l-ammont kien tlett elef u hames mija (Lm3500).

Ikkonfermat dak li qalet fl-affidavit taghha li l-attur ma kien itiha xejn ghall-hajja. Qalet li fid-dar kienu jghixu hi u l-attur flimkien ma’ wliedha, u li hi kienet tiehu l-flus tar-relief minghand il-Gvern, u li kienu jghinuha l-genituri taghha. Qalet li fil-fatt kien taha flus biex tmur titma’ lil uliedu, u li dejjem kienet toqghod tiela’ u niezla r-Rabat biex issajrilhom. Spjegat li l-post fejn kienet tghix mal-attur huwa taghha, filwaqt li ulied l-attur, li kienu adulti, kienu jghixu r-Rabat. Qalet li ghalkemm it-tfal tieghu kienu adulti, hija kienet titla’ r-Rabat kuljum biex issajrilhom, ghaliex meta kienet issajjar l-ikel id-

dar taghha u tohodulhom dawn ma kinux jikluh, anzi kienu jarmuh.

Cahdet li Anthony Galea kien itiha erbghin Lira fil-gimgha ghall-hajja. Kienu johorgu hames Liri kull wiehed fil-gimgha ghall-kontijiet, izda flus ghall-hajja ma kienx itiha peress li kien taha l-flus bil-quddiem. Spjegat li Anthony Galea ma setax itiha flus ghaliex bintu kienet dejjem titolbu l-flus. Mistoqsija jekk qatt ghamlet rapport lill-attur dwar il-fatt li kien jerfa' jdejh fuqha u fuq uliedha, qalet li dan m'ghamlitux ghaliex kienet tibza' minnu, izda li rapporti kontra r-ragel taghha kienet ghamlet ghaliex ma kinitx tibza' minnu. Kompliet tghid li l-attur minn dejjem ma kienx jingieb ma' bintha Francesca Ferriggi u kien jiggieled maghha. Illum bintha ghalqet tmintax-il sena, pero' meta kienet ghamlet l-affidavit taghha kienet ghadha ma ghalqithomx.

Il-konvenuta ziedet li dakinhar li kellhom l-incident, hija kienet riedet taghti l-elfejn lira maltin lill-attur, izda dan ma riedhomx. Qalet li kull meta kienu jitlewmu, l-attur dejjem kien jghidilha li biex jitlaq mid-dar kellha thallsu, izda meta riedet ittih ic-cekk dan ma ridux. Fil-fatt, qalet, kienet marret il-bank mieghu biex jiddepositah, u spjegat li uhud mill-flus kien poggiehom fil-kont ta' bintu. Dakinhar kien qalilha li l-flus li kien fadal setghet izzommhom. Iccarat li dakinhar li tatu dan ic-cekk l-attur ma kienx gera warajha izda stennieha biex ittihulu, kien gera warajha f'okkazjonijiet ohrajn. Imbaghad meta ghaddietlu c-cekk kien dar fuq bintha u ghamel ghaliha u qalilha li dak kollu li gara kien tort taghha.

Ziedet li dakinhar li telaq, kienet hi li ppakkjatlu hwejgu, pero' wara baqa' jcemplilha u jitlobha li jmur lura. Qalet li ghalkemm kienet keccietu mid-dar, xorta kienu jiltaqghu fil-garaxx tieghu, kienu johorgu jieklu kull nhar ta' Gimgha, u kien sahansitra ta Easter Presents lill-uliedha, izda

mbaghad inqatghu. Qalet ukoll li kienet tohrog mieghu kull nhar ta' Gimgha ghax huwa kien jibkilha biex jergghu jirrangaw u hi thassritu. Riedet tispjega li l-attur kien ha r-rigali lit-tifla fl-Easter biex jerga' jirranga maghha, fil-fatt kien ha rigali lit-tliet itfal taghha kollha.

Il-konvenuta qalet li fil-post kienu jghixu hamsa min-nies bic-cekk tar-relief taghha u bl-ghajnuna li kienet tircievi minghand il-ġenituri taghha. Cahdet li meta xtrat il-flat taghha, iben Anthony Galea kien prezenti.

Rat illi fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin (21) t'Ottubru 2009 xehdet **Francesca Ferriggi** (fol. 124) fejn qalet li hija fil-prezent ghandha tmintax-il sena. Hija tiftakar li meta ommha xtrat il-flat f'Birkirkara hija kien ghad kellha hdax-il sena. Dak iz-zmien huma kienu joqoghdu r-Rabat, imbaghad ommha kienet bieghet din id-dar u mill-flus li gabret kienet xtrat dan il-post ghall-prezz ta' tmienja u ghoxrin elf lira maltin (Lm28000). Qalet li d-dar kienet inbieghet xi hamsa u hamsin jew sittin elf lira maltin u li dawn il-flus kienu nqasmu bejn il-ġenituri taghha.

Kompliet tghid li dak iz-zmien ommha u missierha kienu fi proceduri ghal separazzjoni, u hi kienet dejjem tigri m'ommha biex tara x'inhu jigri, ghax kien jinteressaha tkun taf x'inhu ghaddej bejniethom. Qalet li sahansitra meta kien ghad kellha disa' (9) snin, kienet telghet tixhed fil-proceduri li kienu ghaddejjin bejniethom. Imbaghad ghaddiet biex tghid li kienet taf li bil-bidu Anthony Galea kien sellef lil ommha xi tlett elef lira maltin (Lm3000) u li kull meta ommha u l-attur kienu jiggieldu dan kien jghid lil ommha li ried lura l-elfejn lira maltin (Lm2000) li kien sellifha. Ikkonfermat li ommha sussegwentement kienet tathomlu dawn il-flus lill-attur, u dan tafu ghaliex kienet hi stess li kienet talbet lil missierha jislifhom il-flus. Wara li rcieva dawn il-flus, waqt li kien

ghadu wara l-bieb bil-hwejjeg f'idu, Galea kien qalilha li l-ammont bilancjali zghir li kien ghad fadal kienu se jpattu ghal dak li kienet ghamlet mieghu.

Imbaghad ghaddiet biex tiddeskrivi r-relazzjoni taghha mal-attur, u qalet li dan ma kienx jahmilha, u fil-fatt qabel ma telaq mid-dar kien dar fuqha, akkuzaha li dak kollu li gara kien tort taghha u taha daqqa ta' ponn fuq daharha.

Ix-xhud stqarret li una volta Anthony Galea kien telaq mid-dar ma tkellmitx izjed m'ommha fuq din il-kwistjoni, u li kienet kuntenta. Meta telaq minn maghhom, hija kellha tlettax-il sena. Wara li telaq l-attur u ommha xorta kienu johorgu kull nhar ta' Gimgha u dan kien sahansitra baghtilhom xi rigali ghall-Milied.

Rat illi fis-seduta tad-dsatax (19) ta' Novembru 2009 xehdet **Giovanna Agius** (fol. 127) fejn qalet li dakinhar li sar il-kuntratt tal-post ta' Birkirkara, hija kienet baqghet isfel bit-tifel ta' Alice Agius u mbaghad kienet giet imsejha biex tiffirma. Waqt id-diskussjoni ma kinitx prezenti. Meta giet mistoqsija kif thallas l-appartament hija wiegbet li taf li kienet bintha li hallset, pero' jekk hux flus kontanti, cekk jew bank draft ma kinitx taf. Qalet li hi lill-attur bilkemm tafu. Cahdet li hi qalet xi diskors fis-sens li Galea kien offra li jhallsilha xi flus lil bintha u insistiet li fuq il-kaz ma taf xejn izjed.

Ikkunsidrat.

F'din il-kawza l-attur qed jitlob sommna flus minghand l-konvenuta rapprezenanti bilanc minn somma akbar li huwa silef lilha ftit ta' zmien ilu. L-konvenuta ghall-ewwel fl-eccezzjoni taghha tghid li l-atur qat ma silifha is-somma flus mitluba minnu.

Illi ghalhekk din il-kawza tiddependi fuq il-kredibilta ta’ xhieda u provi cirkostanzjali li kull parti setghet ressqet sabiex tikkonferma t-tezi taghha.

Fis-sentenza moghtija mill Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Fank Giordmaina Medici et vs William Rizzi et deciza** nhar it-tmienja w ghoxrin (28) t’April 204 inghad li:-

*“Huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f' kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili.*

*Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kritrju dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-*

*proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli"*
Anke fis-sentenza moghtija mill Prim Awla tal-Qorti Civili fl-isimijiet **George Bugeja ve Joseph Meilak** deciza nhar it-tletin (30) t'Ottubru 2003 inghad li:-

"*Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabbafih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo. Fil-fatt huwa wkoll principju assodat fil-gurisprudenza taghna illi l-verosimiljanza hija forma ta' korroborazzjoni*".

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli sede Inferjuri fl-ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe** deciza nhar it-tmienja w ghoxrin (28) t'April 2003 gie ritenut ukoll li:-

"*Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu f'kawza civili d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li majhallu l-ebda dubju f'min hu imsejjah biex jiggudika.*

*Huwa ben maghruf f'materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qortif'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.*

*Fil-kamp civili ghal dak li huapprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant*

*assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp."*

Issa f'dan il-kaz l-attur ipprova li kien ghadda somma flus lill-attrici sabiex tixtri il-fond residenzjali taghha. Jirrizulta mill-fatt li verament kien mar maghha nhar is-sbatax (17) t'Awwissu 202 u li kien hareg zewg cekkijiet li gew intestati lil Oliver Ruggier fis-somma ta' LM2,755 u lil Dr. Pierre Falzon (in-nutar li rrediga il-kuntratt ta akkwist) fis-somma ta' LM1,400.

Dan l-istat ta fatt zgur li ma hux kontestat.

Jidher ukoll li dwar l-ammont hemm qbil ukoll stante li gew esebiti il-fotokopji tac-cekkijiet ghalkemmfix-xhieda taghha l-konvenuta tghid li l-attur taha ftit aktar min tlett elef euro. Ic-cekkijiet esebiti pero jindikaw mod iehor.

Il-konvenuta tghid li dakinhar li hija marret tghamel l-kuntratt taghha l-attur kien xtara xi proprjeta fl-istess blokk t'appartamenti. Qalet li kien xtara garaxx u li ghalhekk il-flejjes li kien hareg kienu diretti ghal dan il-biegh.

Mill-provi prodotti pero jirrizulta li l-garaxx li kien xtara l-attur, xtrah bin-nifs kif jirrizulta mid-dokument immarkata bhala Dok. C (fol. 79) u dwar dan ma hemm l-ebda kontestazzjoni. L-ammonti mensili li l-attur avversa kienu de minimis kif del resto jitkellelm l-istess Dok. C.

Ghalhekk dak li allegat l-konvenuta dwar il-pagament li ghamel l-attur f'dan ir-rigward huwa wkoll fallaci.

Il-konvenuta tghid li ma hux minnu li l-attur kien ta' din is-somma flus bhala self, izda kien tahomlha bhala servigi ghaliex kienet iddur bih u b'uliedu. Dan pero l-attur jichdu mill-bidu nett u jghid li huwa dejjem ta l-flus biex jghinha tikkonkludi l-akkwist taghha.  Jghid ukoll li ghal hajja kien jaghtiha LM40 fil-gimgha u Lm5 ohra ghall-ispejjez li kienu jinqalghu. Dan l-konvenuta tichdu pero l-Qorti hija aktar propensa temmen lill-attur fid-dawl tal-provi migbura.

Il-konvenuta tghid li l-attur kien isawwat lil bintha pero rapport l-ghassa qatt ma ghamlet, certfikati medici qatt ma ressqet xhieda okulari ta tbengil jew feriti ohra qatt ma resqet w ghalhekk din il-Qorti ssibha 'n vero simili li l-attur ghamel dak li gie allegat li ghamel. Temmen pero li verament l-attur ghamel pressjoni fuq il-konvenuta sabiex thallsu l-kreditu tieghu molto piu meta tqis li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet spiccat u temmen ukoll li l-konvenuta tramite bintha, rrikorriet ghand zewgha sabiex tottjeni ic-cekk fis-somma ta' LM2,000 li eventwalment ghaddiet lill-attur bhala parti mid-debitu dovut.

Hija mprobabbli li l-konvenuta taghti din is-somma flus li ma kellhiex izda li ssellfet sabiex taghtiha lill-attur jekk verament m'emnitx li din is-somma kienet dovuta lilu.  Jekk hassitha mwerwra minn xi theddid possibbli, kellha triq ohra li tirrikorri ghal ghajuna tal-pulizija minflok ma thallas id-debitu dovut.

Illi ghalhekk, fid-dawl tas-suespost, il-Qorti temmen aktar il-versjoni tal-fatti kif spjegati mill-attur u wara li rat li l-istess attur kien interepella lill-konvenuta permess t'Ittra Ufficcjali datata tlettax

> (13) ta’ Gunju 2005 fejn talabha r-restituzzjoni ta’ flusu, tiddecidi li tilqa it-talba tal-attur.
>
> Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tiddikjara li qed tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut filwaqt li tilqa it-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur dik is-somma bilancjali ta’ elfejn, mija, hamsa u hamsin lira maltin (Lm2155) ekwivalenti ghal hamest elef u dsatax l-euro u wiehed u tmenin euro centezmi (€5019.81).
>
> Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-Ittra Ufficcjali a carico tal-konvenuta.”

Il-konvenuta appellat minn din is-sentenza biex tikkontesta lill-ewwel Qorti l-apprezzament taghha tal-provi u l-konkluzjoni raggunta illi l-attur silef flejjes lilha. Hi tissottometti succintement dan li gej:-

(1) L-ewwel Qorti injorat il-fatt illi fuq il-garaxx mixtri mill-attur dakinhar stess li hi xtrat l-appartament, l-attur kien hallas depozitu;

(2) L-ewwel Qorti skartat ix-xhieda taghha illi dakinhar li hi rrestitwiet lill-attur is-somma ta’ elfejn lira (Lm2000), tali hlas kien wiehed ghas-saldu ghaliex l-attur kien hafrilha l-bilanc;

(3) L-ewwel Qorti ma laqghetx it-tezi taghha li l-attur kien qieghed jghix *gratis* fil-proprjeta` taghha;

Innegabilment, il-kwestjoni li l-ewwel Qorti kellha quddiemha kienet tiddependi, ghar-rizoluzzjoni taghha, fuq il-valutazzjoni tar-rizultanzi tal-provi testimonjali u l-gudizzju fuq l-attendibilita` tax-xhieda u tal-kredibilita` tal-versjoni wahda invece ta’ ohra bhala dik l-aktar idoneja ghall-konvinciment tal-Qorti. Meta tali hi l-qaghda, kif saput, hi regola konsolidata illi l-Qorti ta’ revizjoni ma tintromettix ruhha kapriccjozament fil-valutazzjoni tal-provi mill-ewwel tribunal jekk din tirrizulta logika u koerenti ma’

l-elementi ta' provi utilizzati u d-decizjoni tkun sew sostnuta minn motivazzjoni adegwata. Li jfisser, illi sakemm ma jitnisselx fil-Qorti l-konvinciment morali illi l-provi prodotti ma kienux u ma setghux iwasslu ghall-konkluzjoni li ghaliha jkun wasal l-ewwel tribunal, mhux ghall-Qorti li tiddisturba l-konkluzjoni raggunta;

Il-bazi tat-talba promossa mill-attur hi arginata fuq is-self *brevi manu* ta' somma flus. Jinsab ritenut f'kuntest bhal din illi "bhal kull kuntratt iehor, kif dejjem jista' jkun wiehed car u specifiku, jista' jkun ukoll dezunt mill-provi cirkostanzjali li ma jhallu l-ebda dubbju f'mohh il-gudikant x'kienet il-volonta kontrattwali tal-partijiet invokata fin-negozju". Ara "**Perit Ondre` Camilleri -vs- Leslie Corney *et***", Appell Inferjuri, 27 ta' Ottubru, 2000 per Imh. Joseph Said Pullicino;

Fil-kaz in ispecje jidher li x-xorta ta' self li l-attur jallega li ghamel lill-konvenuta huwa tal-karatteristika li fid-duttrina kontinentali hu maghruf bhala "*di scopo*". Dan fis-sens illi l-part l-wahda tohrog flejjes fl-interess tal-parti l-ohra ghall-prosegwiment ta' xi skop prefiss. Fil-kaz partikolari, ghax-xiri u l-akkwist ta' appartament da parti tal-konvenuta appellanti. Hu konoxxut li self ta' din il-kwalita` jirrientra fil-qafas tal-mutwu oneruz bl-obbligu tar-restituzzjoni;

L-esperjenza tghallem illi x-xorta ta' self hawn ikkontemplat huwa anke familjari fost koppji ta' namrati, gharajjes jew f'relazzjoni amoruza. L-ezemplari fir-rigward mill-gurisprudenza huma numeruzi. Ara "**Maria Dolores Spiteri -vs- Mark Caruana**", Appell Superjuri, 19 ta' Gunju, 2001 u "**Raymond Avallone -vs- Therese Agius**", Appell Inferjuri, 3 ta' Novembru, 2004 u l-bosta decizjonijiet f'din ta' l-ahhar kompendjati. Dan qieghed jigi rilevat in kwantu wkoll fil-kaz prezenti l-kontendenti kienu f'relazzjoni konsimili, kif hekk minnhom it-tnejn accettat u ammess;

Premess dan, jidher li l-*iter* konsegwit mill-konvenuta appellanti fir-rezistenza taghha ghat-talba ta' l-attur appellat hu, sintetikament, fis-sens infraskritt:-

1. Fil-fazi pre-processwali l-atteggjament assunt mill-appellanti tramite l-ittra responsiva tal-konsulent legali taghha kien li l-bilanc reklamat kellu jitqies ikkompensat ghaz-zmien li l-attur ghamel jghix maghha;

2. Fix-xhieda taghha tichad li ssellfet xi flus minghand l-attur, u ghalkemm taccetta li dakinhar li hi xtrat l-appartament l-attur hareg xi flejjes (xi Lm3000), tissokta tghid li dan ghamlu minn jeddu;

3. In kontro-ezami tammetti li dakinhar tal-kuntratt in-Nutar irceva minghand l-attur is-somma ta' Lm4155 pero ziedet tghid li l-attur dakinhar stess kien ikkuntratta minghand l-istess vendituri x-xiri ta' garaxx. Ara kopja tal-kuntratt relattiv datat 17 ta' April, 2002 a fol. 75;

4. Fl-Affidavit taghha a fol. 105 hi tghid li dakinhar tal-kuntratt l-attur hallas Lm3500 ghax ried jaghti kontribut u ghalhekk offra li jhallas l-ispejjez kollha relattivi tal-kuntratt u cjoe l-ispejjez tan-Nutar u tat-taxxa korrispondenti;

5. L-attur kien jghajjarha li kellha troddlu l-flus u meta kienu jiggieldu kien jheddidha li biex jitlaq mid-dar kellha taghtih il-flus li kien hareg;

6. Hi raddet lura lill-attur permezz ta' Bank Draft is-somma ta' elfejn lira (Lm2000). B'danakollu, ziedet taggungi illi ghalkemm ha din is-somma, l-attur irrinunzja ghal kumplament ghaliex, skond hi, hu qallha li ma ried xejn aktar;

7. B'mod persistenti insistiet li hi qatt ma sselfet flus minghand l-attur u dak li kien taha, tahulha minn jeddu. Cahdet ukoll illi l-attur kien jghaddilha ghall-hajja s-somma ta' erbghin lira (Lm40) fil-gimgha ghaliex hi kienet

tghix bir-*relief* u minn dak li kien jghaddilha zewgha skond il-ftehim tas-separazzjoni;

Meta l-Qorti tivvaluta din il-kronologija qajla ssib raguni biex taghti affidament lill-appellanti. Ghall-kuntrarju, fuq ir-riezami taghha tal-provi u tal-komparazzjoni tal-versjonijiet, kif assistita mil-kriterju generali tac-certezza morali, din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti qabilha, ittendi li tippreferixxi l-versjoni ta’ l-attur in kwantu hi aktar kredibbli u konvincenti. F’dan, il-Qorti ma tistriehx biss fuq l-awtorita` taghha anke ghaliex il-fehma taghha issib korroborazzjoni f’dawn l-elementi probatorji:-

1. Minn vizjoni tal-kuntratt ta’ l-akkwist u x-xiri tal-garaxx da parte ta’ l-attur (fol. 75) minn imkien ma jirrizulta dak dedott mill-appellanti illi l-attur kien ghamel xi depozitu akkont tal-prezz appattwit. Hu anzi indikat illi dak il-prezz (Lm4000) kellu jithallas ratealment zmien hames snin bl-interessi ta’ tmienja fil-mija (8%). Ammont dan li hu accettat mix-xhud Lino Zammit (fol. 95) ghas-socjeta` Savi Holdings Limited li gie pjenament saldat skond il-prospett esebit a fol. 79;

2. L-atti juru illi effettivament fil-jum tal-kuntratt li bih l-appellanti akkwistat il-flat l-attur hareg zewg cekkijiet, il-wiehed fl-ammont ta’ Lm2755 pagabbli lil Oliver Ruggier, ukoll rapprezentant tas-socjeta` imsemmija, u Lm1400 lin-Nutar Dottor Pierre Falzon (ara kopji ta’ dawn ic-cekkijiet a fol. 12). Minn din il-prova l-attur hu certament avvantaggjat in kwantu hu manifest illi l-hlasijiet ma servewx bhala xi depozitu ghax-xiri tal-garage izda eskluzivament fl-interess tal-konvenuta bl-avvanz ta’ flejjes lill-persuni imsemmija fl-okkazjoni ta’ meta hi xtrat l-appartament u ghal liema hu kien prezenti;

3. Konsiderat il-glied li jinghad li kien frekwenti bejn il-kontendenti fuq il-kwestjoni tar-rikjam da parti ta’ l-attur ghar-restituzzjoni ta’ dawk l-istess flejjez avvanzati ma huwa xejn verosimili illi l-attur, meta sarlu l-hlas ta’ Lm2000 mill-konvenuta, irrinunzja ghall-kumplament. Huwa veru li f’dan il-konvenuta hi assistita mix-xhieda ta’

bintha Francesca Ferriggi (ara affidavit taghha a fol. 107) izda din il-Qorti ma tarax kif tista' tqis plawsibbli din ix-xhieda meta mill-kumpless ta' l-atti attendibbli huwa evidentissimu illi l-attur ma riedx jabdika ghall-konsegwiment tal-bilanc dovut lilu. Almenu, minn ebda dikjarazzjoni jew kondotta tieghu ma tirrizulta xi intenzjoni fih li hu ried jirrinunzja ghal dak il-bilanc;

4. Apparti dak diga rilevat illi s-self ghalkemm ma sarx lilha direttament kellu l-iskop li jiffinanzja in parte l-akkwist tal-flat u l-ispejjez kontrattwali, l-insistenza da parti ta' l-appellanti illi l-attur ma silifha xejn pjuttost tistona meta inkwadrata fid-difiza primarja taghha ta' kompensazzjoni ghas-servigi prestati. Logikament, imbaghad, dik l-istess insistenza mhix facilment kredibbli meta konfrontata mar-radd parzjali li hi ghamlet lill-attur;

5. Finalment, din il-Qorti m'ghandhiex ghax ma temminx lill-attur illi hu, sakemm kien ghadu jghix mal-konvenuta, kien jikkontribwixxi ghall-bzonnijiet tal-hajja;

Iddur fejn iddur, il-kwestjoni tibqa' wahda, u cjoe, illi l-appellanti ma rnexxielhiex konvincentement tiggustifika l-bazi tad-difiza taghha. Mhux il-kaz allura li din il-Qorti twarrab is-sentenza appellata.

Ghal motivi suesposti l-Qorti qeghda tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------